MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 941/1995/2

**John Sammut**

**Vs**

**Emanuel Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Billi l-attur ghandu bi qbiela parti diviza mill-ghalqa maghrufa bhala il-Qasam limiti ta' Had-Dingli u specifikatament ghandu fil-pussess tieghu u jahdem il-porzjoni diviza maghrufa bhala Plot numru 8 mill-istess raba;

Billi da parti tieghu l-konvenut ghandu bi qbiela parti diviza mill-istess ghalqa maghrufa bhala il-Qasam limiti ta' Had-Dingli u specifikatament il-Plot numru 9  mill-istess raba;

Billi l-attur ghal dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena cirka dejjem kellu access ghall-imsemmija ghelieqi u wkoll sabiex jghaddi ghall-ispiera tal-ilma permezz ta' passagg li jghaddi minn quddiem il-plots numru wiehed (1) sa disgha (9) tal-imsemmija raba kif jidher ahjar mill-annessa pjanta mmarkata bhala Dokument A;

Billi f'dawn l-ahhar zmenijiet u precizament fl-14 ta' Mejju 1995, il-konvenut vjolentement imblokka il-passagg tal-ghelieqi ta' bejn il-plot numru tmienja (8) u l-plot numru disgha (9) ta' fejn is-Sienja, il-Qasam limiti Dingli, u dan billi fl-istess passagg li jghaddi minn quddiem plot numru tmienja u disgha huwa imblokkah permezz ta' gebel u hatab fuqhom u wkoll harat l-istess passagg b'mod li ostakola l-passagg liberu tal-attur;

Billi ghalkemm interpellat sabiex inehhi l-istess ostakolu permezz ta' ittra legali datata 17 ta' Mejju 1995, il-konvenut abbuzivament minflok il-gebel u l-hatab li ghamel illegalment, huwa bena hajt u kantuniera tal-gebel tal-kantun tad-disa' pulzieri b'mod illi mblokka ghal kollox il-passagg ezistenti bejn il-plots nurmu 8 u 9, b'tali mod u manjiera li l-attur ma jistghax jghaddi minhabba l-premess minn dik il-parti issa imblukkata;

Billi nonostante ittra legali datata 30 ta' Mejju 1995 il-konvenut baqa' inadempjenti u naqas li jqieghed il-passagg fl-istat pristinu tieghu b'mod li l-attur ikollu access liberu minnu;

Billi tali agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll recenti u privileggjat ghad-dannu tal-attur;

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ikkommetta spoll recenti u privileggjat a dannu tal-attur;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jirreintegra fl-istat prestinu tieghu l-passagg li jghaddi minn quddiem il-plots numru 8 u 9 kif fuq spjegat b'mod li l-attur ikollu access minn tali passagg sabiex jghaddi ghall-ispira li hemm fl-istess qasam, kif l-istess attur dejjem kellu in precedenza, b'dan ghalhekk li jitnehhew l-ostakoli kollha li ghamel il-konvenut fl-istess passagg inkluz il-hajt u l-kantuniera tal-gebel li l-konvenut illegalment ikkostruwixxa fl-istess passagg;

3. F'kaz li jghaddi inutilment it-terminu hekk prefiss, tawtorizza lill-attur jezegwixxi huwa nnifsu x-xoghol kollu necessarju sabiex jitqiegħed kollox fl-istat prestinu tieghu b'dan li l-attur ikollu access liberu mill-istess passagg kif dejjem kellu in precedenza, kollox a spejjez tal-istess konvenut, occorrendo taht id-direzzjoni ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datati 17 ta' Mejju 1995 u 30 ta' Mejju 1995 u b'rizerva ta' kull azzjoni ta' danni spettanti lill-attur kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghax hu ma kkommetta ebda spoll fil-konfront tal-attur u d-dritt ta' passagg li l-attur qed jivvanta qatt u qatt ma ezista.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Novembru, 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju l-Avukat Dottor Mark

Chetcuti sabiex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat il-verbal tat-3 ta' Lulju 1996 li permezz tieghu gie revokat l-inkarigu moghti lill-espert gudizzjarju l-Avukat Dottor Mark Chetcuti;

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Frar, 1999 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Kif jinghad fic-citazzjoni l-kaz jitratta minn spoll recenti u privileggjat kif kontemplat fl-Artikolu 535 tal-Kodici Civili.

Biex l-attur jirnexxi f'din l-azzjoni tieghu jrid jipprova tliet affarijiet, u cjoe`:-

i. li huwa kien jipposjiedi b'pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni;

ii. li huwa gie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni;

iii. li huwa mexxa l-quddiem il-kawza fi zmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu;

Hu pacifiku li l-espressjoni "pussess ta' kwalsiasi xorta" tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz (**Vol XLII pII p973**). Pero hu mehtieg dejjem li l-attur jipprova li ghandu dan il-pussess (**Vol XXXII pII p238**). Anke wiehed qasir hafna u sahansitra pussess momentaneju jibbastaw biex jawtorizzaw l-azzjoni ta' spoll (**Vol XXXVII pII p642**).

Huma komunissimi l-kawzi ta' din ix-xorta koncernanti ostakoli jew impedimenti fl-ezercizzju tad-dritt ta' passaggi jew moghdijiet fir-raba. Ezemplari taghhom huma dawk fl-

ismijiet "**Caterina Vella –vs- Giovanni Vella**", Prim'Awla, Qorti Civili, 4 ta' Novembru 1957; "**Carlo Cardona et –vs- Francesco Tabone**", Appell, 9 ta' Marzu 1992; "**John Camilleri –vs- Peter Micallef et**" Appell, 9 ta' Marzu 1999; "**George Falzon –vs- Joseph Camilleri**", Appell, 28 ta' Dicembru 2001 u **Rosario Cutajar et –vs- Emanuel Gatt et**",Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Mejju 2002.

Ghandu jigi osservat pero` illi kif rilevat fis-sentenza "**Giuseppe Cassar et –vs- Paolo Cassar et**", Prim'Awla, 11 ta' Marzu 1955, "*biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnhu ntentata biex jigi reintegrat fil-pussess ta' passagg li fih jippretendi li gie turbat, jehtieglu jipprova li huwa ghandu l-pussess jew kwazi pussess esklussiv tal-passagg, u mhux bizzejjed li juri li ghandu biss id-dritt li jghaddi mill-passagg*."

Issa fil-kaz de quo l-attur isostni li huwa ghandu dan id-dritt in kwantu l-passagg in kwestjoni huwa kompriz fil-pjanta tal-qasma imhejjija fl-1973 minn Clement Azzopardi kif konfermat minn dan l-ahhar (fol 80). Dan il-passagg hu wiehed bir-rigel u jikkonduci ghal passagg iehor qadim u min hemm ghall-ispiera li minnha, bhall-utenti l-ohra ta' l-appezzamenti tar-raba, hu jaghmel uzu.

L-attur isostni li hu kien jaghmel uzu minn dan il-passagg, meritu tal-vertenza u minnhu seta' jghaddi anke b'mutur billi kuntrarjmanet ghal dak affermat mill-konvenut, is-sigar ma jfixkluhx ghax dawn jinsabu aktar il-gewwa (fol 97).

Fil-fehma tal-Qorti l-attur iddisimpenja ruhu mill-impenn li jipprova l-pussess vantat minnhu u l-ezercizzju tieghu mill-passagg de quo. Dan jirrizulta kemm b'mod dirett mix-xhieda tal-attur innifsu kif ukoll indirettament minn dak konfessat mill-konvenut. Dan fil-fatt jistqarr hekk:- "*Jiena l-hajt ghamiltu ghal zewg ragunijiet: bhala kenn ghas-sigar u biex hija ma jghaddix*" (fol 88). Aktar qabel jghid dan: "*Jiena zammejt lill-attur milli jghaddi minn dan il-passagg fejn hemm il-konfini bejn il-plots 8 u 9 ghax jien insostni li hu m'ghandux ghalfejn jghaddi iktar il'hemm mit-8 ghaliex*

*id-9 hija kollha tieghi u wara m'hemmx raba tal-familja* (fol 86).

Il-konvenut jistrieh bosta fuq din id-difiza li l-attur ghandu minn band'ohra minn fejn jghaddi. Ghall-fini tal-azzjoni proposta din id-difiza ma hi ta' l-ebda suffragju. Huwa immaterjali jekk l-attur ghandux moghdijiet ohra servjenti ghal htigijiet tieghu. Kull prova f'dan il-kuntest ma teliminax l-att arbitrarju tieghu. Huwa proprju dan l-agir li l-artikolu tal-ligi jrid jikkolpixxi u jistronka. Dan ghaliex l-azzjoni hi radikata fuq l-esigenzi ta' l-utilita' socjali, intiza biex taghti protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi impedut lic-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh. Il-fini tal-azzjoni huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt, jew turbat. (**Vol XLII pII p973**; **Vol XLI pII p846**).

Huwa proprju ghalhekk li l-istess disposizzjoni tal-ligi tinsisti b'referenza espressa ghall-Art 791 tal-Kap 12 illi l-konvenut f'kawza ta' spoll ma jista' jaghti ebda eccezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun rega' qieghed il-haga fl-istat pristinu. Huwa b'dan in mira li l-gurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.

Ghalhekk huwa inutili li l-konvenut jghid li l-attur ghandu passagg iehor li jista' jghaddi minnhu. "*Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui*" (**Vol X p55**).

Illi ladarba l-konvenut 'marte proprio' impossessa ruhu bil-bini tal-hajt mill-passagg kontra l-volonta' tal-attur jirrikorri l-ispoll u dan il-fatt huwa bizzejjed biex jaghti lill-attur, kif hekk sehh, id-dritt tal-azzjoni ta' spoll privileggjat minnhu dedotta fit-terminu legali.

Ma jiswa xejn dak li jghid il-konvenut illi huwa ghamel dak li ghamel minhabba “auto-difesa” biex jiddefendi hwejjgu. Dan ma jirrizultax mill-provi li kien hekk il-kaz u l-Qorti strettament m’ghandiex, in mankanza tal-provi fir-rigward, tokkupa ruhha minn din il-materja.

Din il-Qorti hi wisq familjari mad-decizjoni citata “**George Camilleri –vs- Gorg Bonello**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998 billi meta kienet fil-prattika professjonali kienet tippatrocina proprju lill-konvenut li ssolleva l-punt.

Kuntrarjament ghal dak rizultanti mill-fatti f’dak il-kaz, il-konvenut hawnhekk ma jistax jinvoka l-principju “vium vi repellere licet” billi dan il-principju jista’ jigi applikat biss meta l-azzjoni difensiva ssir “confestim” u “in continenti” u mhux “ex intervallo” (“**Carmela Sant –vs- Gerolamo Deguara et**”, Appell Civili, 25 ta’ Jannar 1989; “**Francis Spiteri –vs- Gilju Briffa**”, Appell, Sede Inferjuri, 15 ta’ April 1986).

Ir-rejazzjoni tal-konvenut ma kienetx precipitata minn xi azzjoni tal-attur. Kien il-konvenut li sab lill-attur u qallu li ma setax jghaddi aktar mill-passagg (Deposizzjoni ta’ l-attur, fol 39). Jidher ghalhekk li l-bini tal-hajt u kwindi l-gheluq tal-passagg bil-hajt ma sarx biex il-konvenut jirrepella xi att vjolenti tal-attur entro il-parametri tan-nozzjoni ta’ l-auto-difesa, kif ahjar elaborata fid-decizjoni klassika fuq din it-tematika, riportata a **Vol XXIV pI p281**.

Ghal dawn il-motivi:-

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji d-domandi attrici u ghall-finijiet tat-tieni domanda tipprefiggi lill-konvenut terminu ta’ xahar mil-lum biex jirreintegra lill-attur fid-dritt tal-passagg ‘de quo’ li jghaddi minn quddiem il-plots numru 8 u 9 formanti parti mill-ghalqa maghrufa bhala “Il-Qasam” limiti ta’ Had-Dingli. B’dan illi fil-kaz li l-konvenut jibqa’ inadempjenti fit-terminu lilu koncess, l-attur qed jigi

minn issa awtorizzat li jaghmel dak minnhu mitlub fit-tielet talba tieghu.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------